**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 682/2007 AF**

**Anthony Muscat**

**Joseph Lia**

**Patrick Tanti**

**Darren Galea**

**Charles Vella**

**Kenneth Buhagiar**

**Twanny Borg**

**Noel Baldacchino**

**Domenic Scerri**

**Ivan Borg**

**Carmelo Agius**

**Carmel sive Charles Parnis**

**Alex Sultana**

**Antoine Galea**

**Emanuel Cutajar**

**Jefferson Camilleri**

**Charles Calleja**

**Alexander Bezzina**

**Raymond Formosa**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta**

**u**

**Kap Kmandant tal-Forzi Armati**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Anthony Muscat, Joseph Lia, Patrick Tanti, Darren Galea, Charles Vella, Kenneth Buhagiar, Twanny Borg, Noel Baldacchino, Domenic Scerri, Ivan Borg, Carmelo Agius, Carmel sive Charles Parnis, Alex Sultana, Antoine Galea, Emanuel Cutajar, Jefferson Camilleri, Charles Calleja, Alexander Bezzina u Raymond Formosa, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-atturi huma lkoll ingaggjati mal-Forzi Armati.

Da ricenti l-awtoritajiet konvenuti taw numru ta' promozzjonijiet lil numru sostanzjali ta' nies membri tal-Forzi Armati.

L-atturi ma nghatawx promozzjoni u jhossu li dan sar b'abbuz amministrattiv u li d-decizjoni ma kienitx wahda ragonevoli.

In effetti l-atturi jsostnu li kien hemm nies anzjani daqshom jew anqas minnhom li kellhom kwalifiki daqshom jew inqas minnhom li nghataw promozzjoni filwaqt li b'mod inspjegabbli huma gew maqbuza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-ezercizzju ricenti li ghamlet l-Armata konvenuta fejn tat numru ta' promozzjonijiet kien wiehed abbuziv peress illi kien irragjonevoli u dan a tenur tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom jaghtu promozzjoni relattiva lill-atturi.

3. Tiddikjara illi fl-ezercizzju imsemmi fl-ewwel talba l-konvenuti jew min minnhom ikkawzaw danni lill-atturi.

4. Tillikwida d-danni kkawzati lill-atturi.

5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hemm likwidati.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, li permezz tagħha esponew illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti m'ghandha ebda gurisdizzjoni biex tissindaka l-organizzazzjoni interna tal-Forzi Armati ta' Malta skond l-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 billi mizuri li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna tad-Dipartiment u l-entitajiet tal-Gvern huma eskluzi mid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" f'dak l-artikolu u jaqghu barra s-sindakibilità gudizzjarja.

Fit-tieni lok u in linea preliminari n-nuqqas ta' fondament guridiku ghall-azzjoni da parti tal-atturi billi ma jezisti ebda dritt illi wiehed jiehu promozzjoni.

Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-gudizzju tal-esponenti dwar il-promozzjonijiet li nghataw fl-Armata kien wiehed gust, skond il-ligi u b'osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk l-esponenti la agixxew *ultra vires* u lanqas b'abbuz ta' poter.

Fil-process biex jimtlew vakanzi fil-gradi u r-rwoli differenti tal-Forzi Armati ta' Malta jitqiesu diversi fatturi u kriterji u mhux biss anzjanità u kwalifiki kif qed jallegaw l-atturi, liema fatturi u kriterji gew meqjusa komplessivament biex hekk inghataw il-promozzjonijiet in kwistjoni.

In vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Illi l-intimati ressqu nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fejn esponew illi:

Din ir-risposta guramentata ulterjuri qeghda ssir minn naha tal-intimati wara li huma kisbu l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' April 2013.

B'zieda mal-eccezzjonijiet migjuba fir-risposta originali taghhom u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-intimati qeghdin iressqu din l-eccezzjoni li gejja:-

1. Illi l-attur Carmel sive Charles Parnis ma ghandux l-interess guridiku mehtieg biex jitlob (i) l-istharrig a tenur tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-ezercizzju allegatament abbuziv ta' promozzjonijiet li nghataw f'Dicembru 2006 u (ii) li jinghata xi promozzjoni,

in kwantu b'sehh mis-26 ta' Jannar 2011 huwa ma baqax aktar arwolat fil-Forzi Armati ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat is-sentenza preliminari datata 16 ta' Novembru 2009 li permezz tagħha ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti a fol. 76 u 77 tal-process li permezz taghhom il-kawza giet ceduta mir-rikorrenti kollha ghajr Carmel Parnis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017 fejn il-Qorti wara n-nuqqas ta' interess ta' xi rikorrenti, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront taghhom biex b'hekk il-kawza baqghet tigi konsiderata ghar-rigward tat-talbiet ta' Carmel Parnis.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi mill fatti prodotti, jirriżulta illi l-awtoritajiet intimati taw numru ta' promozzjonijiet lil numru sostanzjali ta' nies membri tal-Forzi Armati. Illi r-rikorrenti ma nghatawx promozzjoni u jhossu li dan sar b'abbuz amministrattiv u li d-decizjoni tal-intimati ma kienitx wahda ragonevoli. In effetti r-rikorrenti jsostnu li kien hemm nies anzjani daqshom jew inqas minnhom li kellhom kwalifiki daqshom jew inqas minnhom li inghataw promozzjoni filwaqt li b'mod inspjegabbli huma gew maqbuza.

Din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. Ir-rikorrenti - kollha ingaġġati fil-Forzi Armati ta' Malta - jitolbu lil din il-Qorti tistħarreġ numru ta' promozzjonijiet li saru fl-Armata

konvenuta kienu abbużivi, irraġonevoli u bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'mod preliminari, li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u tistħarreġ dwar it-talba tar-rikorrenti; u qalu wkoll li jonqos fl-azzjoni l-fundament ġuridiku billi ma jeżisti l-ebda jedd li wieħed jingħata promozzjoni. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ġudizzju tagħhom kien wieħed imħaddem tajjeb u b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u għalhekk la jista' jingħad li mxew lil hinn mis-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi ("ultra vires") u lanqas li mxew b'abbuż tal-poter. Żiedu jgħidu li meta jitqiesu applikazzjonijiet biex jimtlew karigi battala fi ħdan l-Armata, jittieħed qies komplessivament ta' għadd ta' kriterji.

Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari ġew miċħuda minn din il-Qorti b'sentenza preliminari datata 16 ta' Novembru 2009[1].

Qabel teżamina l-mertu, din il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati[2] li tittratta dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti Carmel Parnis. L-intimati jeċepixxu illi r-rikorrenti ma għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex jippromovi din il-kawża stante li huwa ma baqax arwolat fil-Forzi Armati ta' Malta.

Fis-sentenza li tat fit-2 ta' Ottubru 2003 fil-kawza "Edrichton Estates Ltd vs Munro Philips and Company Ltd" din il-Qorti kif diversament ippreseduta kienet qalet hekk:

> *"Illi l-Qorti kkwotat dak li ntqal fis-sentenza "J. Muscat et vs R. Buttigieg et" (A.C. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) fejn intqal :- "L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu ; b) dirett u personali : fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni*

[1] Fol 34
[2] Fol 208

*pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Din il-Qorti tosserva illi l-ilment tar-rikorrenti fil-kawża quddiemha llum, li kif intqal hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjaru, huwa illi l-promozzjonijiet fi ħdan il-Forzi Armati kienu saru b'mod abbużiv, u li dawk id-deċiżjonijiet kienu irraġonevoli Għaldaqstant, il-proċess innifsu tal-għażla jibqa' l-element ewlieni tal-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti f'din il-kawża odjerna, fejn, kif intqal ir-rikorrenti jallega li minħabba n-nuqqasijiet li kienu saru il-proċess tal-għażla, huwa ġarrab l-effett li baqa' ma ngħatax promozzjoni. Jirriżulta għalhekk lil din il-Qorti li r-rikorrenti għandu l-interess meħtieġ kif spjegat aktar 'l fuq fil-ġurisprudenza ċitata, biex iressaq din il-kawża, għaliex il-qofol tal-azzjoni attriċi jibqa' dak li l-Qorti ssib jekk huwiex minnu jew le li dak il-proċess ta' għoti ta' promozzjonijiet kien milqut bin-nuqqasijiet allegati mir-rikorrenti. L-interess tar-rikorrenti jissussisti, u l-fatt li huwa ma baqax jaghmel parti mill-Forzi Armati ma jfissirx illi huwa ma għadx fadallu l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex imexxi din il-kawża għal stħarriġ ġudizzjarju tal-proċess tal-għażla. Fid-dawl tas-suesposti principji, il-Qorti ma tarax li din l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati hija gustifikata. Barra minn hekk, promozzjoni ghal Carmel Parnis seta' kellha effett ukoll fuq l-introjtu tal-pensjoni tieghu.

Fil-mertu, l-intimati laqgħu billi qalu li l-ġudizzju tagħhom kien ġust u b'ħarsien sħiħ tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u għalhekk la jista' jingħad li mxew lil hinn mis-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi ("ultra vires") u lanqas li mxew b'abbuż tal-poter.

Ir-rikorrent Carmel Parnis kien gie ngaġġat fl-armata fl-24 ta' Lulju 1985, bħala gunner[3]. Jgħid li l-Kurunell Cauchi Inglott kien qallu li sakemm ikun jikkmanda l-Maritime Squadron huwa, ir-rikorrenti ma kien ser jieħu l-ebda promozzjoni. Ir-rikorrent jilmenta illi fil-*promotion exercise* tal-2006, huwa ma ħax il-promozzjoni minn Warrant Officer 2 għal Warrant Officer

[3] Affidavit tar-rikorrent, dok AF4, fol 47.

1. Jirriżulta mill-atti illi huwa ħa l-promotion ta' Warrant Officer 1 sussegwentament fl-2007[4].

Għalhekk din il-Qorti ser tqis dak li sehh *fil-promotion exercise* tal-2006. Fl-"AFM Promotion Assessment Report"[5] kien ġie irrapurtat hekk fil-konfront tar-rikorrenti Charles Parnis:

> "*WO2 was originally fully responsible for the squadron logistic division, up to 2003 but he did not cope with the squadron's demands and was given alternative work. His attitude was generally that of a storeman, not a logistic manager. He was unable to forecast the squadrons requirements, draft detailed letters and also lacked salient leadership skills. This warrant officer has reached his ceiling*."

Ir-rikorrenti kien irċieva total ta' 642.02 punti[6], imqassmin skond il-kriterji *efficiency, seniority, qualifications* u *selection to fill a vacancy.*

Din il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 37 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03 Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, illi jistipula hekk:-

> "*(1) Il-promozzjoni għandha ssir skont rakkomandazzjoni bażata fuq effiċjenza, anzjanità, kwalifiki u għażla biex timtela vakanza."*

Jirriżulta mill-PAR Report[7] illi kienu adottati il-kriterji stabbiliti fis-suċitata disposizzjoni tal-liġi, u fl-eżerċizzju tal-għoti ta' promozzjoni. Erba' kriterji kollettivament jiddeterminaw jekk impjegat għandux ikun rakkomandat għall-promozzjoni u ċioè l-effiċjenza, l-anzjanità, il-kwalifiki u l-vakanza. Jirriżulta mill-atti illi jingħataw punti, u min fost il-ħaddiema jkollu l-ogħla punti, jieħu l-promozzjoni. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti

[4] Fol 48
[5] Fol 155
[6] Fol 156
[7] Fol 155

jippremettu illi kien hemm nies anzjani daqshom jew inqas minnhom li kellhom kwalifiki daqshom jew inqas minnhom li inghataw promozzjoni filwaqt li b'mod inspjegabbli huma gew maqbuza.  Jirriżulta għalhekk illi r-rikorrenti jħallu barra żewġ kriterji li jittieħdu in konsiderazzjoni fl-għoti ta' promozzjoni, u ċioè l-effiċjenza tal-impjegat, kif ukoll il-vakanza.

Il-Kurunell Mark Mallia xehed bl-affidavit[8]:

> *"bħala parti mill-eżerċizzju ta' promozzjoni, jien imlejt il-formola magħrufa bħala AFM Promotion Assessment Report, jew PAR, anness u immarkat bħala Dok. MM 1, skond l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Kwartieri Ġenerali tal-AFM Records Standing Instructions datata 7 ta' Awwissu 2006. Dan id-dokument iħares lejn diversi aspetti u jikkonsisti f'punti soġġettivi u oġġettivi li jingħataw skond l-effiċjenza, l-anzjanità, l-kwalifiki u l-vakanzi li jkollha l-Armata."*

Dan ix-xhud ikompli jixhed u jispjega illi il-punti <u>soġġettivi</u> jingħataw skond kemm dak li jkun jitqies illi huwa kapaċi biex jimla l-post jekk ikun hemm il-*vacancy,* u jingħataw mill-uffiċjal kmandant, fid-diskrezzjoni tiegħu, illi jevalwa s-suldati taħt il-kmand tiegħu, per eżempju jingħataw punti għall-atteggjamenti tas-suldat.  Imbagħad rigward il-punti <u>oġġettivi</u> dawn jingħataw għall-kategorija, effiċjenza, anzjanità u kwalifiċi.  Xehed illi l-fizzjal ma jkollu ebda diskrezzjoni fuq dawn il-punti:

> "*Nixtieq nippreċiża illi l-parti oġġettiva tal-PAR tiddependi mill-individwu inniffsu.  Jekk dan jieħu l-inizjattiva li jattendi l-korsijiet biex itejjeb l-kwalifiċi tiegħu, jekk jieħu ħsieb li jmantni l-phusical fitness tiegħu, il-kapaċità fl-isparar etc, dan ikun premjat billi jiġi mogħti punti riservati għal dan[9]. .. Inżid ngħid li dawn il-fatturi suġġettivi kif ukoll dawk oġġettivi, jikkontribwixxu għar-rakkomandazzjoni għall-promozzjoni.  Bit-total tal-punti, suldat jikkompeti*

---
[8] Dok MM,  Fol 289
[9] Fol 290

*ma' oħrajn, ta' pari grado, għall-vakanzi li jkollha l-Armata f'dik l-unità jew sezzjoni partikolari."*

Jirriżulta għalhekk mill-atti illi s-sistema adoperata fl-għoti ta' promozzjonijiet fl-Armata hija waħda ta' punteġġ, mogħtija kemm fuq bażi oġġettiva kif ukoll fuq bażi soġġettiva, u min jottjeni l-ogħla total ta' punteġġ mill-applikanti ghall-promozzjoni, jigi promoss.

Ma jirriżultax lil din il-Qorti x'punti ġabu dawk is-suldati l-oħrajn li bħar-rikorrenti kienu Warrant Officer Class 2 u li magħhom ir-rikorrenti kien qiegħed jikkompeti għal grad ta' Warrant Officer Class 1. B'hekk din il-Qorti ma tistax tqabbel x'punti ġab ir-rikorrenti mal-punti li ġabu is-suldati l-oħra biex tara min fosthom ġab l-ogħla punti, u min minnhom għalhekk, kellu jieħu l-promozzjoni ta' Warrant Officer Class 1.

Minbarra li ma giex pruvat x'punti ġabu is-suldati l-oħra li magħhom huwa kien jikkompeti, ir-rikorrenti lanqas ma ġab ebda prova li l-fatt li huwa ma ħax il-promozzjoni kien frott ta' *mala fede* da parti tal-intimati fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Prim Awla datata 5 ta' Lulju, 2005 Citazzjoni Numru. 124/2003 Maurice Cristina vs Bank Centrali ta' Malta, fejn ġie ritenut hekk:

*"Din il-Qorti, fl-analizi taghha tal-provi prodotti f'dan il-kaz, tibda' biex tafferma li dak li l-attur irid jipprova mhux li m'hemmx raguni ghalhiex hu ma nghatax il-promozzjoni (negattiv), izda li kien hemm motivi jew <u>konsiderazzjonijiet ulterjuri </u>li waslu biex hu jigi mcahhad mill-promozzjoni (pozittiv)." (*sottolinear ta' din il-Qorti*)*

Skond ir-rikorrenti, l-uniku ilment tiegħu huwa illi kien hemm nies anzjani daqsu jew inqas minnu li ħadu l-promozzjoni. Ir-rikorrenti ma jsemmi xejn dwar dawn il-konsiderazzjonijiet ulterjuri. Din il-Qorti tirreferi ukoll għal sentenza oħra tal-Prim Awla datata 7 ta' Lulju, 2004 Citazzjoni Numru. 333/1993/1 Francis Borg Falzon Vs Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta:

*"Il-fatt li suldat jinqabez milli jinghata promozzjoni m'ghandux jitqies bhala li hu, awtomatikament, kaz ta'*

*ingustizzja. Ghalkemm is-seniority hu fattur li jitqies, dan mhux, izda, fattur determinanti wahdu. Is-seniority tassumi importanza sew meta jkollok tnejn minn nies (jew izjed), f'kollox indaqs f'dawk li huma attributi, u minnhom trid taghzel wiehed."*

Huwa veru illi fil-Promotion Assessment Report hemm hemm element ta' *assessment* soġġettiv, u dak l-ezercizzju, ghalhekk, kien jinvolvi "*questions of individual judgement*" però ir-rikorrenti ma rnexxielux jipprova sal-grad rikjest minnu mill-liġi illi kien hemm xi *bias* jew xi inġustizzja fil-konfront tiegħu f'dak il-Promotion Assessment Report. Lanqas ma jirriżulta illi l-Lieutenant Cauchi Inglott uża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ħażin fil-konfront tar-rikorrenti f'dan *l-assessment* soġġettiv jew li huwa kellu mottivi ulterjuri fil-konfront tar-rikorrenti. Ir-rikorrent jikkonsidra biss l-importanza li ingħataw lill-anzjanità u l-kwalifiki tiegħu fil-proċess tal-għażla, iżda jirriżulta illi l-intimati kellhom jikkunsidraw ukoll fatturi u kriterji oħrajn fl-għoti ta' promozzjoni.

La darba ma irrizultax li dan il-gudizzju fil-proċess tal-għażla għall-promozzjonijiet gie ezercitat b'mod abbużiv u rraġonevoli, l-istess esercizzju ma jistax jigi attakkat jew mhassar minn din il-Qorti.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri preliminari tal-intimati, tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimati, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu minn Carmel Parnis.

IMHALLEF

DEP/REG